Minuti tas-sbatax il-laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2009 fil-5 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Anton Zammit | a/Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti | Joseph Camilleri | Kunsillier |

1. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

2. Mill-minuti

Il-preżenti għamlu korrezzjonijiet fil-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

Is-Sur Buttigieg ressaq suġġeriment biex il-minuti jigu mgħoddija lura lill-Kunsillieri hekk kif jiġu emendati. Dan is-suġġeriment jikkolobora sewwa mat-talba li s-Sur Joe Camilleri kien għamel f'laqgħat oħra precidenti. Dan talab ukoll li l-korrispondenza li tasal fl-Uffiċċju tal-Kunsill bejn laqgħa u oħra, tintbagħat ukoll lill-Kunsillieri qabel tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Il-preżenti qablu mas-suġġeriment.

Is-Sur Peter Caruana issuġerixxa ukoll li kull kunsillier għandu jressaq mhux iżjed minn sitt mistoqijiet jew mozzjonijiet f'kull laqgħa. Intlaħaq ftehim li jekk sa xħin l-għeluq tal-laqgħa ikun għad fadal iżjed materjal biex jiġi diskuss, il-laqgħa tiġi aġġornata għal jum ieħor viċin bl-istess aġenda.

3. Korrispondenza

Is-Segretarju ressaq il-korrispondenza għal veduti tal-preżenti.

a. L-Onor Chris Said talab il-preżenza tal-Kunsillieri kollha għal laqgħa li hu ser jagħmel fl-Uffiċċju ta' dan il-Kunsill nhar il-Hamis, 16 ta' Lulju fil-10 ta' fil-ghodu. Il-preżenti aċċettaw l-istedina u qablu li ser jattendu.

b. Waslet talba mingħand certu Natalie Sciortino biex il-group ta' żeffiena tagħha jieħdu parti f'Għajnsielemfest. Il-Kunsillier responsabbli ser jagħmel kuntatt magħha.

c. Is-Segretarju ġie nfurmat minn Mons. Joe Bezzina li t-talba ta' dan il-Kunsill, biex trieq ġdida tissemma ghal Patri Cesal' għadha

ma dehritx fil-gazzetta tal-Gvern. Appena tiġi ppubblikata l-Kunsill jiġi nfurmat.

d. Wasal rapport dwar ħsarat ġodda fi Triq ix-xatt l-Aħmar. Hawn is-Sur Larry Buttigieg issuġerixxa li din it-triq issir bit-tarmac. Is-Sindku ser iressaq dawn l-ilmenti lill-Ministeru għal Għawdex.

e. Il-preżenti qablu li jgħinu l-fondazzjoni Arka b'donazzjoni ta' 100 euro.

f. Wasal mingħand id-Direttur għal-Gvern Lokali, l-Avviz Legali 295/2007 li jipproċedi Regolamenti dwar l-immaniggjar Ambjentali tas-siti tal-Kostruzzjoni. (Memo 37/09)

g. Ġiet ippreżentata l-Management Letter ta' l-awditur tal-Gvern għas-sena 2008/2009.

h. Il-Kunsill waslitlu korrispondenza dwar il-futur tal-ħaddiema ex-Water Services Corporation li preżentament huma ngaġġati mal-IPSL. Skema oħra ta' "Xogħol fil-Komunita'" ser tiġi ntrodotta fost il-Kunsilli minn Board kostitwit mill-Ministru għall-Politika Socjali b'kollaborazzjoni ma' l-ETC. minn Awissu li ġej.

e. Waslet talba mingħand is-Sur Paul A. Stellini dwar għajnuna finanzjarja biex itella' esebizzjoni ta' pitturi minn tiegħu f'Tolfa, Ruma. Il-preżenti qablu li jinfurmaw lill individwu li preżentament il-liġi timpedixx kwalunkwe għajnuna finanzjarja lill individwi jew għaqdiet esklużi mit-tmien skeda ta' l-istess ligi

f. Il-Kunsill ra n-notifiki ta' avviżi u listi ta' applikazzjonijiet għal xogħol strutturali sottomessi mingħand il-MEPA.

ġ Is-Sindku qal li wara kwazi sentejn jistenna l-permess mil-MEPA, sa fl-aħħar fi ftit ġranet oħra l-Kunsill ser jirċievi l-permess għal-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Hu qal li kien diġa nforma lill-perit biex ilesti l-offerti għat-tħammil tal-plot u tal-bini u konkos. Appena li joħroġ il-permess, il-Kunsill jippubblika dawn it-tenders sabiex fi ftit ġimgħat oħra jingħata bidu għax-xogħol ta' taħmil u bini fuq dan il-proġett.

ħ. Is-Sindku nforma ukoll lill sħabu li l-proċess għal ksib ta' fondi mill-Ewropa għal l-iskavar ta' l-Għajn storika tal-Hasselin jinsab fi proċess avvanzat. L-applikazzjoni ta' dan il-proġett u tal-bini ta' l-Arkata fil-Wied ta' taħt il-playing field qeghdin ukoll fi stadju avvanzat.

i. Din il-ġimgħa, qal is-Sindku, il-Kunsill applika għal erba' proġetti taħt l-iskema ta' l-Urban Improvement Fund mal-MEPA. Hu qal li dan il-fund kien ser jiġi utilizzat għal-progett tal-Pjazza izda minħabba

**diffikultajiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, dan ma kellux triq oħra x'jagħżel għajr li japplika ghal dawn il-proġetti ghax dawn il-fondi setghu jiġu meħuda u użati mil-Gvern Centrali jew mill-N.G.Os. Il-proġetti sottomessi huma embellishment Triq Anglu Grech u Triq Perellos. Embellishment lill Pjazza Indipendenza u l-Pjazza 10 ta' Dicembru. Bankina ġdida quddiem il-Playing Field Amabile Cauchi u apparat gdid għall-istess Playing Field u embellishment fi Triq Chambray.**

**m. Is-Sindku nforma lill Kunsill li l-ġurnata ta' qabel, is-Sindki t-Għawdex flimkien ma l-N.G.O's kellhom laqgħa dwar il-ftuħ ta' uffiċċju tal-L.A.G .(Local Action Group). Ser tiġi mpjegata persuna on full time basis. Dan l-Uffiċċju ser ikun mgħejjun minn fondi mill-Ewropa. Is-Sindki t'Għawdex ser ikollhom vuċi soda f'dan il-Kumitat. Preżentament dan il-Kumitat ser ikun mgħejjun minn espert Taljan fejn 'l quddiem ser jinbidel f'wieħed professjonist. Tliet rappreżentanti mill-Kunsilli Għawdxin ser jirrapreżentaw lill Kunsilli kollha t'Għawdex. Dawn huma is-Sindki ta' l-Għarb, tax-Xaghra u tal-Qala. Is-Sindku qal li l-Kunsilli kollha Ghawdxin ser jibbenifikaw minn fondi mill-Ewropa permezz ta' L.A.G. billi japplikaw għal proġetti flimkien li jkun jista jsir ix- xogħol fl-irhula kollha biex ikollna ambjent aktar sabih u nadif. B'kekk Ghawdex ikollu aktar opportunita li jattira aktar turisti sabiex l-iskop ta' ECO Ghawdex jirnexxi.**

**n. Fl-istess lagħqa tas-Sindki giet diskussa l-offerta l-ġdida għal-ġbir ta' skart domestiku fil-lokallita'. Kien hemm min issuġerixxa li toħrog offerta waħda għal Għawdex kollu u oħrajn qablu li groups ta' Kunsill jingħaqdu flimkien u joħorġu offerta waħda bejniethom. Is-Sindku qal li hu kien għamel proposta li Għawdex jinqasm f'erbgha zoni u kull zona toħroġ tender għalija. Din il-proposta intlaqet tajjeb u ġie deciż ukoll li meta jinġabar l-iskart riciklat m'għandux jinġabar ebda skart domestiku ieħor. Is-Sindki t'Għajnsielem, Nadur u tal-Qala qablu li għandhom jiltagħqu flimkien biex jiddiskutu l-possibilita' ta' tender waħda bejniethom dwar il-gbir ta' l-iskart domestiku kif ukoll dak separat.**

**o. Ir-rappreżentanta għal-Eden Foundation f'Għawdex, li llum inbidel l-isem u sar SPIRE, is-Sinjura Frances Busuttil ġiet mistiedna mill-Kunsill sabiex taghti l-opinjoni tagħha dwar il-possibilita' li l-Berġa t'Għajnsielem tiġi trasferita temporanjament għal din il-lokalita, INSPIRE, fuq talba tal-Kunsill sakemm tinbena l-Berga ġdida mill-Kunsill. Hija fehemet li l-berġa preżenti mhix aċċettabbli għall-anzjani biex tilħaq l-esiġenzi tal-mument. Hi qalet li gie li ġiet avviċinata minn anzjani fuq din il-problema fejn hawn is-Sindku qal li l-Kunsill kellu ħafna pressjoni fuq dan ukoll. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma sab oġġezzjoni anzi qabel li jinforma lill Dr. Livori, il-Principal fl-isptar ġenerali t'Għawdex b'din l-informazzjoni sabiex tinstaghab soluzzjoni temporanja għal din il-problema. Is-Sindku informaha li l-Kunsill kien ilu li ssuġġerixxa dan l-post bħala l-lokal alternattiv għal Berġa. Is-sinjura Busittil qalet li hi m'issibx problema li**

jintlahaq ftehim li-l-berġa tigi trasferita għal dan il-post. Hi qalet li kienet ser titkellem mas-superjuri taghha fuq dan il-punt u kienet ser tagħti risposta lill-Kunsill f'qasir żmien. Hi qalet ukoll li wara li issa saret midħla sew tar-raħal t'Għajnsielem, kienet lesta li tgħin lill-Kunsill specjalment meta jiġi organizzat il-proġett Betlehem f'Għajnsielem.

p. Is-Segretarju ressaq ilment minn għand persuna minn Triq il-Ħamri fejn oġġezzjonat bil-qawwa għat-twaħħil ta' road hump viċin ir-residenza tagħha. Din ġiet il-Kunsill u qalet li għandha persuna anzjana u marida u ma tiflaħx għal dawk il-ħsejjes li jaghmlu l-vetturi meta jgħaddu minn fuq r-road hump matul il-jum u wisq aktar matul il-lejl. Hi qalet li qabel twaħħlet din ir-road hump kella tigi infurmata. Hi appellat lill-kunsilliera preżenti biex jekk hu possibli din titneħħa min fejn twaħlet. Il-kunsilliera urew fehemthom li jirraportaw lill-ADT biex din titneħħa.

4 Il-Librerija Pubblika

i. Is-Segretarju nforma lill preżenti li fl-aħħar budget il-Gvern kien ivvotalna somma konsiderevoli għal ħteġijiet tal-Librerija ta' dan il-lokal. Is-Sindku qal li hija ħasra li din mhux qed tigi ffrekwentata mir-residenti. Il-Kunsill irid jagħmel sforz biex jintrodiċijha iżjed fost iż-żgħażagh kif ukoll fuq l-adulti. Il-librerija ghanda tigi mmexxija fuq linji moderni u tigi attrezzata b'aktar kotba moderni ta' certu kwalita. Is-Sur Peter Caruana ssuġġerixxa li l-Kunsill iniedi competition fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-12 u s-16 il-sena u oħra għat-tfal ta' l-iskola primarja tal-lokal. Jingħataw tliet rigali għall-ewwel tliet rebbieħa minn kull kategorija u certifikat lill kull min jikkompeti. Il-judges ġew ukoll suġġeriti li jkunu is-sinjuri Frank Tabone, Lelio Spiteri u Joe Rapa. Is-sur Caruana qal li għal din il-kompetizzjoni għandu jintagħżel suggett fuq l-istorja fuq ir-rahal t'Għajnsielem.

5. Resurfacing ta' Toroq – Offerta

i. Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda l-unika offerta li waslet fl-Uffiċċju tal-Kunsill dwar kisi ta' toroq bit-tarmac fir-raħal. Il-preżenti qablu li jirreferuha lill-perit tal-Kunsill għas-suġġerimenti tiegħu qabel tingħata din l-offerta lill-kuntrattur.

16. Għajnsielemfest 2009.

i. Din l-attivita' ser tinżamm nhar il-Ħamis, 20 t'Awissu fis-7.30 ta' filgħaxija. Din tikkonsisti f'talent lokali bil-għajnuna ta' talenti Maltin. Is-sur Stephen Mercieca qal li l-Compere ser ikun is-Sur John Muscat, li talab 170 euro, mgħejjun minn Orjetta Buttigieg u Lelio Spiteri. Chiara aċċettat ukoll li tattendi u talbet is-somma ta' 200 euro. Debora

Cassar talbet 50 euro. Ser kun hemm żeffiena u kantanti oħrajn bla ħlas. Il-preżenti ssuġġerew li ghandha toħroġ quotation għal provediment ta' sound system.

7. Materji oħra

1. Is-Sindku ġie avviċinat minn membri tal-Kumitat tal-festa biex waqt Għajnsielemfest issir ikla b'risq il-festa. Is-sur Stephen Merceica qal li peress li ma jkunx hemm spazju biżżejjed ġol-pjazza u l-ħin huwa hafna ristrett din l-attivita ma' tistax issir dak in-nhar. Is-sur Larry Buttigieg qal ukoll li l-għada ser ikun hemm ikla li soltu ssir fi Triq il-Għajn u allura mhux sew li n-nies jinqasmu. Il-proposta ma ġietx aċċettata u l-kumitat tal-festa ghandu jiġi infurmat u jingħata spjegazzjoni għax it-talba ma ġietx milquha.

2. Qamet il-problema ta' tindif tal-lamp posts fil-Pjazza tad-Dehra. Ġie suġġerit li jinxtara scaffolding ta' mhux għoli iżjed minn 15 il-piedi (madwar 4 metri) biex jintlaħaq dan il-għan.

3. Is-sur Peter Caruana ġibed l-attenzjoni ta' sħabu dwar l-istat fqir tat-taraġ u tat-triq li jieħdu għal-knisja ta' Lourdes. U qal li s-siġar ta' madwar ghandhom jinżabru għax intefgħu għal fuq it-taraġ. Is-Segretarju għandu jinforma lid-dipartiment ta' l-Agrikoltura dwar dan l-ilment u wara jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill biex inaddfu t-taraġ.

4. Is-Sindku wasallu lment li ċertu bozoz maħruqa qed jieħdu ħafna żmien biex jitranġaw. Is-Segretarju għandu jindaga mal-kuntrattur dwar bozoz fi Triq iż-Żewwieqa, Triq il-Gnien u oħra fi Triq Malta. Hawn is-Sindku talab biex tiżdied lampa oħra fi Triq Malta. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Is-Sindku qal li ftit ġranet oħra ser toħroġ offerta ġdida għal contract manager fuq id-dwal tat-toroq. Is-Sindku assigura lill sħabu li lampa mhux ser iddumx izjed minn erbgha t-ijiem biex tinbidel. Fil-kaz li ddum izjed, il-kuntrattur jeħel multa u jekk jibqa jirrepeti tista tineħħielu l-offerta.

5. Is-sur Peter Caruana staqsa meta ser jeħlu iż-żewġ bankijiet fi Triq iż-Żewwieqa. Is-Sindku rrisponda li dawk waslu u qegħdin l-uffiċċju. Dawn ser jeħlu appena l-ħaddiema jeħelsu minn xogħol ieħor.

6. Is-sur Larry Buttigieg reġa nsista li ssir laqgħa urġenti mad-delegati ta' l-għaqdiet dwar il-presepju ħaj li ġie proponut li ser jerġa jinbena ukoll din is-sena. Dan qal li qegħdin ġa tard fil-preparazzjonijiet. Il-preżenti qablu li ssir f'ġurnata il-Hamis.

7. Waslet fil-Kunsill talba mingħand Carmelo Portelli għal żewġ sinjali sofor quddiem ir-residenza tieghu, Royal Lady Flats Triq Sant'Antnin. Il-Kunsill qabel mat-talba u issuggerixxali din it-talba tigi riferuta lill-ADT ghal kummenti taghha.

8. Is-Sindku nforma lill preżenti dwar il-mawra tiegħu bħala Sindku fi Sqallija mall-Kumitat u Banda San Gużepp ta' din il-lokalita'. Il-kontinġent Għawdxi ġie mistieden minn Dr Ray Bondin rapprezentant tal-UNESCO fi Sqallija biex jippartecipa fil-festa għad unur San Pawl fir-raħal ta' Palozzolo Acreide. Is-Sindku qal li jħossu ferm onorat u kburi bis-suċċess tal-banda speċjalment fil-programm li tellgħet nhar il-festa. Il-grupp ġie milqugħ tajjeb ħafna u kien stmat kull fejn kien mistieden. Is-Sindku kompla jgħid li hu flimkien mal-president tal-banda ġew intervistati minn stazzjon tat-televizjoni Sqalli, kif ukoll minn ġurnalista ta' gazzetta popolari fi Sqallija fejn anke ingħata rapport flimkien ma ritratt ta' paġna sħiħa ta' dan il-ġurnal. Dan mhux biss kien ta' unur tal-Banda Għaqda Mużikali San Ġużepp iżda wkoll tar-raħal tagħna t'Ghajnsielem. l-Sindku qal li l-kontinġent kollu kien mistieden fil-Comune mis-Sindku tal-Lokal u ngħataw rigali ta' tifkira għall-okkażżjoni miż-żewg Sindki u l-banda San Ġużepp.

9. Is-Sindku qal li hu kien mistieden minn Wirt Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex għal ftuħ uffiċċjali tat-Torri ta' Mgarr ix-Xini li jaqa taħt il-periferija tar-raħal t'Għajnsielem. Hu qal li l-Kunsill kien mistieden biex kull meta jagħmel talba biex isiru żjarat ta' kultura minn naha tal-poplu Għajnselmiz u t-tfal ta' l-iskola tar-raħal, l-kumitat ta' Wirt Artna kien lest li jagħti ċ-ċavetta ta' dan it-torri lill-Kunsill biex isiru dawn iż-żjarat.

10 Is-Sindku qal li fl-4 ta' Lulju hu kien mistieden ukoll għal ftuħ uffiċċjali tal-Waste Transfer Station fil-post magħruf bħala Tal-Kus fil-limiti tar-raħal tax-Xewkija. Hu qal li baqa impressjonant bil-faċilitajiet moderni li hemm f'dan il-post fejn wieħed ikun jista jieħu kull tip ta' skart anke dak ta' materjal tal-bini. Hu qal li dan l-impjant ser ikun miftuħ il-ġimgħa kollha nkluz il-Ħadd. Ser ikun hemm ħaddiema biex jiddentifikaw f'liema skip wieħed għandu jarmi il-materjal. Hu qal li l-istess ħaddiema jkunu jistgħu jgħinu lill-dak li jkun iniżżel mill-vettura tiegħu materjal tqil. Is-Sindku kompla jgħid li f'dan il-post wieħed għandu moħħu mistrieh fejn għandu jpoġġi dan it-tip ta' skart bla ebda ħlas. Hu qal li l-iskop ta' l-open skips sa ftit żmien ieħor ma jkunx hemm aktar ħtiega għalihom bis-saħħa ta' dan il-Waste Transfer Station. B'hekk kull Kunsill ser iibda jiffranka ammont ta' spejjez. Is-Sur Camilleri qabel mas-sindku dwar dan l-iżvilupp li sar u għandna nagħmlu pressjoni mal-gvern biex il-parti li baqa fi Triq Cordina, minn ħdejn ir-razzet ta' Rikardu Attard sar-round-a-bout tal-Heliport tingħata kisja bit-tarmac.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 6 t'Awissu 2009 fil-5 ta' wara nofs in-nhar.**

**Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.**

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Anthony Zammit**
**Segretarju Eżekuttiv**